MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 252/2014

**John BIANCO [K.I. Nru. 245436M]**

**Vs**

**Mario VELLA [K.I. Nru. 529558M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-14 ta' April, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' elf seba' mija sebgha u hamsin euro u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€1,757.20c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "L-attur qed jitlob li l-konvenut jiġi kkundannat sabiex ihallas is-somma ta' elf seba' mija u sebgha u hamsin euro u ghoxrin ċenteżmu (€1,757.20), liema somma hija dovuta lill-attur bhala arretrati ta' ċens impost fuq il-fond 235, Our Lady of Sorrows Street, Pieta, bis-

sahha ta’ kuntratt ta’ subenfitewsi fl-atti tan-Nutar Dr. Christopher Gatt tat-22 ta’ Dicembru, 1997.

Illi l-konvenut kien gie nterpellat diversi drabi inkluż b’ittra legali iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha tinġieb din il-kawza.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax bl-oghla rata skont il-ligi mid-data ta’ din it-talba sad-data tal-effettiv pagament, ilkoll kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu”.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fl-24 ta’ April, 2014 u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li Dr. Mario Caruana ddikjara li r-rikorrenti ma kellhux provi aktar xi jressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 u 13 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema talba t-Tribunal laqa’.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti John Bianco li kkonferma li l-intimat ghad fadallhu jhallsu s-somma ta’ €1757.20c.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' €1757.20c rapprezentanti din is-somma arretrati ta' ċens impost fuq il-fond 235, Our Lady of Sorrows Street, Pieta bis-sahha ta' kuntratt ta' subenfitewsi fl-atti tan-Nutar Dr. Christopher Gatt tat-22 ta' Dicembru, 1997.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehed illum stess li l-ammont minnu reklamat ta' elf seba' mija sebgha u hamsin euro u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€1,757.20c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat. Dan l-ammont ikopri s-subcens annwu u temporanju ta' *"... żewġ Liri Maltin kuljum ghall-ewwel ghaxar snin u tlett Liri Maltin kuljum ghall-ahhar sebgha snin, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem*[1]" dovut fuq il-fond bin-numru 16, Our Lady of Sorrows Street, Pieta sal-31 ta' Dicembru, 2013[2].

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

---

[1] Ara kuntratt ta' sub-enfitewsi datat 22 ta' Dicembru, 1997 fl-atti tan-Nutar Dr. Christopher Gatt (klawsola numru tnejn (2));

[2] Ara n-notamenti tar-rikorrenti datati 30 ta' April, 2014 minnu esebiti fis-seduta tal-lum 28 ta' Mejju, 2014;

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat fl-24 ta' April, 2014 u baqa ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnu ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba tieghu u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf seba' mija sebgha u hamsin euro u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€1,757.20c] ghas-sub-cens minnu dovut fuq il-fond bin-numru 16, Our Lady of Sorrows Street, Pieta sal-31 ta' Dicembru, 2013 bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------